**31. ID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA, L-ONOR. CHRIS FEARNE, JIPPROPONI:**

Billi, skont ir-Regolamenti Numru 1 u Numru 3 tar-Regolamenti tal-Proċedura tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari ta' din l-istess Organizzazzjoni (OSCE PA) għandha tikkonsisti f'rappreżentanti ta' kull Parlament tal-pajjiżi li ffirmaw l-Att Finali ta' Helsinki (1975), kif ukoll iċ-Charter ta' Pariġi (1990), u li jkunu jipparteċipaw fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa, liema rappreżentanti għandhom ikunu maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament, skont kif dan jiddeċiedi; u

Billi l-istess Regolamenti ta' Proċedura jistabbilixxu li l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta fl-Assemblea Parlamentari ta' din l-Organizzazzjoni għandhom ikunu tlieta, u li jista' jkollhom tliet sostituti għalihom;

Hu għalhekk riżolut illi l-Kamra taħtar dawn il-Membri bħala r-rappreżentanti tagħha:

l-Onor. Amanda Spiteri Grech – Kap tad-Delegazzjoni;
l-Onor. Alex Muscat;
l-Onor. Joe Giglio; u

u bħala membri sostituti taħtar lil:

l-Onor. Katya De Giovanni;
l-Onor. Ray Abela; u
l-Onor. Claudette Buttigieg.

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull rappreżentant u ta' kull sostitut rispettiv tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-rappreżentanti u sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament, jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort'oħra.

16.05.2022